# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 629/2008

## tat-2 ta' Lulju 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-ikel, fosthom livelli massimi għall-metalli, ċomb, kadmju u merkurju.

(2) Huwa essenzjali, sabiex tkun protetta s-saħħa pubblika, li l-kontaminanti jinżammu f'livelli li ma joħolqux inkwiet għas-saħħa. Il-livelli massimi għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju għandhom ikunu sikuri u baxxi kemm jista' jkun raġonevolment possibbli bbażati fuq prattiċi tajbin fil-manifattura u fl-agrikoltura/sajd.

(3) Fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida, prattiċi tajbin fl-agrikoltura u s-sajd ma jippermettux li jinżammu livelli ta' ċomb, kadmju u merkurju f'ċerti speċi akwatiċi u fungi daqstant baxxi kif mitlub fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Huwa għalhekk meħtieġ li jkunu riveduti l-livelli massimi ffissati għal dawn il-kontaminanti filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur.

(4) Livelli għolja ta' ċomb, kadmju u merkurju nstabu f'ċerti supplimenti ta' l-ikel kif deskritti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 ([3]) dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-supplimenti ta' l-ikel u li kienu notifikati permezz tas-Sistema ta' Allarm Rapidu għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed, RASFF). Ġie ppruvat li dawn is-supplimenti ta' l-ikel jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv biex il-bniedem ikun espost għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju. Sabiex tkun protetta s-saħħa pubblika, huwa għalhekk xieraq li jkunu ffissati l-livelli massimi għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju f'supplimenti ta' l-ikel. Dawn il-livelli massimi għandhom ikunu sikuri u baxxi kemm huwa raġonevolment possibbli ibbażati fuq prattiċi tajbin ta' manifattura.

(5) L-alka tal-baħar takkumula l-kadmju b'mod naturali. Supplimenti ta' l-ikel li jikkonsistu esklussivament jew prinċipalment f'alka tal-baħar imnixxfa jew fi prodotti ġejjin mill-alka tal-baħar jista' għalhekk ikollhom livelli aktar għolja ta' kadmju minn supplimenti oħra ta' l-ikel. Biex jingħata kas ta' dan, huwa meħtieġ livell massimu ogħla għall-kadmju għal supplimenti ta' l-ikel li jikkonsistu esklussivament jew prinċipalment f'alka tal-baħar.

(6) L-Istati Membri u l-operaturi fin-negozju ta' l-ikel għandhom jingħataw żmien biex jadottaw għal-livelli massimi ġodda għal supplimenti ta' l-ikel. L-applikazzjoni tal-livelli massimi għal supplimenti ta' l-ikel għandha għalhekk tkun differita.

(7) Emenda għan-nota 1 ta' qiegħ il-paġna ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 hija meħtieġa biex tiċċara li l-livell massimu għall-frott ma japplikax għal ġewż tas-siġar.

(8) Kienu introdotti rakkomandazzjonijiet ġodda ta' sorveljanza bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/196/KE tat-28 ta' Marzu 2007 dwar is-sorveljanza tal-preżenza tal-furan fil-prodotti ta' l-ikel ([4]) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE tat-3 ta' Mejju 2007 dwar il-monitoraġġ tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel ([5]). Id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza u r-rappurtar fir-Regolament 1881/2006 għalhekk jeħtieġ li jkunu kompluti b'referenzi għal dawk ir-Rakkomandazzjonijiet il-ġodda. L-eżerċizzju ta' sorveljanza fuq idrokarburi aromatiċi poliċikliċi mniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/108/KE ([6]) kien iffinalizzat. Għalhekk, ir-referenza għal dik ir-Rakkomandazzjoni tas-sorveljanza tista' titħassar.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1126/2007 (ĠU L 255, 29.9.2007, p. 14).

([3]) ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/371/KE (Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 330M, 28.11.2006, p. 327).

([4]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 56, Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 416.

([5]) ĠU L 123, 12.5.2007, p. 33.

([6]) ĠU L 34, 8.2.2005, p. 43. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 272M, 18.10.2005, p. 69.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw is-sejbiet lill-Kummissjoni dwar l-aflatossini, dijossini, PCBs li jixbħu lid-dijossini, PCBs li ma jixbħux lid-dijossini kif speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/504/KE ([44]) u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/794/KE ([45]). L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-EFSA r-riżultati dwar acrylamide u furan kif speċifikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/196/KE ([46]) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE ([47]).

([44]) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 21.
([45]) ĠU L 322, 22.11.2006, p. 24.
([46]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 56.
([47]) ĠU L 123, 12.5.2007, p. 33."

(2) L-Anness huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Il-livelli massimi stabbiliti fil-punti 3.1.18, 3.2.19, 3.2.20 u 3.3.3 ta' l-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2009. Huma ma għandhomx japplikaw għal prodotti li jkunu tqiegħdu legalment fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2009. Il-piż tal-prova dwar meta l-prodotti tqiegħdu fis-suq għandu jinġarr mill-operatur tan-negozju ta' l-ikel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 hu emendat kif ġej:

(1) Fis-Sottotaqsima 3.1 (**Ċomb**), il-punt 3.1.11 huwa mibdul b'li ġej u jiżdied il-punt ġdid 3.1.18:

| | | |
|---|---|---|
| "3.1.11 | Ħxejjex brassica, ħxejjex bil-weraq u l-fungi li ġej ([27]): *Agaricus bisporus* (faqqiegħa komuni), *Pleurotus ostreatus* (faqqiegħa qisha gajdra), *Lentinula edodes* (faqqiegħa shiitake) | 0,30 |
| 3.1.18 | Supplimenti ta' l-ikel (*) | 3,0 |
| (*) Il-livell massimu japplika għas-supplimenti ta' l-ikel kif jinbiegħu." | | |

(2) Is-sottotaqsima 3.2. (**Kadmju**) hija mibdula b'li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "3.2 | **Kadmju** | |
| 3.2.1 | Laħam (barra l-ġewwieni) ta' annimali bovini, ngħaġ, majjali u tjur ([6]) | 0,050 |
| 3.2.2 | Laħam taż-żiemel, barra l-ġewwieni ([6]) | 0,20 |
| 3.2.3 | Fwied ta' annimali bovini, ngħaġ, majjali, tjur jew taż-żiemel ([6]) | 0,50 |
| 3.2.4 | Kliewi ta' annimali bovini, ngħaġ, majjali, tjur jew taż-żiemel ([6]) | 1,0 |
| 3.2.5 | Laħam tal-muskolu tal-ħut ([24])([25]), barra l-ispeċi elenkati fil-punti 3.2.6, 3.2.7 u 3.2.8 | 0,050 |
| 3.2.6 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej ([24])([25]):<br>bonito (*Sarda sarda*)<br>awrata komuni ta' żewġ faxxi (*Diplodus vulgaris*)<br>sallur (*Anguilla anguilla*)<br>mulett griż (*Chelon labrosus*)<br>kavalli jew sawrell (speċi tat-*Trachurus*)<br>louvar jew luvar (*Luvarus imperialis*)<br>kavalli (*speċi ta' l-iScomber*)<br>sardin (*Sardina pilchardus*)<br>sardinopi (speċi tas-*Sardinopi*)<br>tonn (speċi tat-*Thunnus*, speċi ta' l-*Euthynnus*, *Katsuwonus pelamis*)<br>lingwata (*Dicologoglossa cuneata*) | 0,10 |
| 3.2.7 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej ([24])([25]):<br>bullet tuna (speċi ta' l-*Auxis*) | 0,20 |
| 3.2.8 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej ([24])([25]):<br>inċova (speċi ta' l-*Engraulis*)<br>pixxispad (*Xiphias gladius*) | 0,30 |
| 3.2.9 | Krostaċeji, barra laħam kannella tal-granċ barra r-ras u l-laħam mit-toraċi ta' l-awwista u ta' krostaċeji kbar simili (*Nephropidae* u *Palinuridae*) ([26]) | 0,50 |
| 3.2.10 | molluskoli bivalvi ([26]) | 1,0 |
| 3.2.11 | Kefalopodi (mingħajr vixxeri) ([26]) | 1,0 |
| 3.2.12 | Ċereali barra granza, żrieragħ, qamħ u ross | 0,10 |
| 3.2.13 | Granza, żrieragħ, qamħ u ross | 0,20 |
| 3.2.14 | Sojja | 0,20 |
| 3.2.15 | Ħxejjex u frott, barra ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi friski, fungi, ħxejjex biz-zkuk, ħxejjex ta' l-għeruq u patata ([27]) | 0,050 |

| | | |
|---|---|---|
| 3.2.16 | Ħxejjex biz-zkuk, ħxejjex ta' l-għeruq u patata, barra l-krafes ([27]). Għall-patata l-livell massimu japplika għal patata mqaxxra. | 0,10 |
| 3.2.17 | Ħxejjex bil-weraq, ħaxix aromatiku frisk u fungi li ġejjin ([27]): *Agaricus bisporus* (faqqiegħa komuni), *Pleurotus ostreatus* (faqqiegħa qisha gajdra), *Lentinula edodes* (faqqiegħa shiitake) | 0,20 |
| 3.2.18 | Fungi, barra dawk elenkati fil-punt 3.2.17 ([27]) | 1,0 |
| 3.2.19 | Supplimenti ta' l-ikel (*) barra supplimenti ta' l-ikel elenkati fil-punt 3.2.20 | 1,0 |
| 3.2.20 | Supplimenti ta' l-ikel (*) li jikkonsistu esklussivament jew prinċipalment f'alka tal-baħar mnixxfa jew fi prodotti ġejjin minn alka tal-baħar | 3,0 |

(*) Il-livell massimu japplika għas-supplimenti ta' l-ikel kif jinbiegħu."

(3) Fis-Sottotaqsima 3.3 (**Merkurju**), il-punt 3.3.2 huwa mibdul b'li ġej u jiżdied il-punt ġdid 3.3.3:

| | | |
|---|---|---|
| "3.3.2 | Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej ([24])([25]):<br>petriċi (speċi tal-*Lophius*)<br>budakkra (*Anarhichas lupus*)<br>bonito (*Sarda sarda*)<br>sallur (speċi ta' l-*Anguilla*)<br>emperor, orange roughy, rosy soldierfish (speċi tal-*Hoplostethus*)<br>grenadier (*Coryphaenoides rupestris*)<br>halibutt (*Hippoglossus hippoglossus*)<br>kingklip (*Genypterus capensis*)<br>marlin (speċi tal-*Makaira*)<br>barbun (speċi tal-*Lepidorhombus*)<br>mulett (speċi tal-*Mullus*)<br>sallur pink cusk (*Genypterus blacodes*)<br>lizz ta' l-ilma ħelu (*Esox lucius*)<br>plamtu sempliċi (*Orcynopsis unicolor*)<br>bakkaljaw (*Trisopterus minutus*)<br>mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*)<br>raja (speċi tar-*Raja*)<br>salmur (*Sebastes marinus, S. mentella, S. viviparus*)<br>kelb il-baħar ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana (*Istiophorus platypterus*)<br>fjamma sewda (*Lepidopus caudatus, Aphanopus carbo*)<br>sargi, paġell (speċi tal-*Pagellus*)<br>kelb il-baħar (l-ispeċi kollha)<br>sawrell jew strilja bagħlija (*Lepidocybium flavobrunneum, Ruvettus pretiosus, Gempylus serpens*)<br>sturjun (speċi ta' l-*Acipenser*)<br>pixxispad (*Xiphias gladius*)<br>tonn (speċi tat-*Thunnus*, speċi ta' l-*Euthynnus, Katsuwonus pelamis*) | 1,0 |
| 3.3.3 | Supplimenti ta' l-Ikel (*) | 0,10 |

(*) Il-livell massimu japplika għas-supplimenti ta' l-ikel kif mibjugħa."

(4) Fin-nota ta' qigħ il-paġna ([1]) hija miżjuda s-sentenza li ġejja:

"Ġewż tas-siġar mhumiex koperti mil-livell massimu għall-frott."

(5) Nota ta' qiegħ il-paġna ([8]) hija mibdula b'li ġej:

"([8]) Oġġetti ta' l-ikel elenkati f'din il-kategorija kif iddefint fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1)."